# KAPITLU 7

# L-UFFICJU

Chaz dahal mill-bieb ta’ l-ufficju principali determinat li jhalli l-akkademja. Il-hitan tal-kamra kienu kollha miksija b’pitturi ta’ laqghat ta’ l-angli mal- bnedmin. Huwa ta harsa madwaru malajr, malajr, meta sema’ vuci minn



wara l-iskrivanija, ta’ anglu pjuttost imdahhal fiz-zmien bin-nuccali, li qallu: “ F’hiex nista’ naqdik?”

“Nixtieq li nhassar it-talba tieghi li ghamilt biex nidhol ghall-kors fl-Akkademja ta’ l-Angli. “Diga? Daqshekk

kmieni? Tajjeb. Ara, imla’ din il-formola u tihielhi qabel tohrog mill-ufficju.”

Chaz ha l-formola u qaghad bil-qieghda fuq siggu li kien hemm fil-qrib ma’ mejda u bir-rixa mela’ l-informazzjoni li kien mitlub jaghti bl’inka blu.

Nizzel ismu fuqnett tal-karta u beda’ jaqra’ il-mistoqsijiet.

“Kemm temmejt lezzjonijiet bhala student ta’ l-akkademja?”

Chaz kiteb: Zero.

“X’gaghlek li thalli l-Akkademja?”

Chaz haseb ghall-mument u kiteb: Il-bnedmin jafu dak li huwa tajjeb u hazin u madanakollu joffendu lil Altissimu. Ma nistax nghinhom. Impossibbli. Halli l-angli l-ohra jaghmlu dan. Jidhru li huma aktar addattati li jaghmlu dan ix-xoghol.”

Chaz hares lejn il-gwienah tieghu li kienu skuri hafna. Kienu differenti minn ta’ l-angli l-ohra li gwenhajhom kienu bojod silg. Din kienet raguni ohra ghaliex hassu li postu ma kienx hemm.

Kif hares lura lemah pittura ta’ arkanglu bil-gwienah kollha kuluri. Ma kienux bojod bhal ta’ l-angli l-ohra. Xi kuluri tar-rix kienu jixbhu lil tieghu. Idejn l-anglu kienu misluba wahda fuq l-ohra u kien gharkubtejh quddiem mara li kienet qed titlob.

“Min hu dak l-anglu?”  staqsa Chaz.

“Skuzi,” qallu l-anglu ta’ wara l-iskrivanija. “ Ma fhimtikx.”



“Min hu dak l-anglu u dik il-mara fil-pittura?”

“Eh, dak hu l-anglu Gabirjiel u dik il-mara hija r-regina,” wiegbu l-anglu anzjan. Nizzel rasu u kompla jahdem wara l-iskrivanija.

Chaz mimli kurzita’ kompla jghidlu: “ X’hin tghid u x’qed iwegibha l-anglu Gabirjiel?”

“Qed tghidlu iva,” kompla anglu anzjan filwaqt li ma tellghax rasu minn fuq il-mazz karti li kellu quddiemu fuq l-iskrivanija.

“Iva ghal xhiex?” Chaz.

“Suppost li taf. Dik kellha tkun l-ewwel lezzjoni taghkom hawn fl-Akkademja. Ghadek ma tghallimthiex?”

“Ghadni ma temmejtx l-ewwel lezzjoni tieghi,” wiegbu Chaz.

“Jigifieri inti ghadek ma smajtx lil arkanglu Gabirjiel jirrakonta l-istorja tieghu.”

“X’jigifieri?” staqsa Chaz.

“Irrid inifsser li bhalissa, f’dan il-mument l-Arkanglu Gabirjiel qed jirrakonta l-istorja tieghu.”

“Allura ahjar immur nisma’ dak li ghandu xi jghid, qabel jispicca.”

“Ahjar,” heggu l-anglu anzjan, “ u ghaggel ghax ser titlef kollox.”

Chaz irritorna l-formla lil anglu anzjan u lebbet lejn il-bieb.

Meta fetah il-bieb lemah wicc familjari: kienet Sim.

“Hi Chaz,” qaltlu Sim.